Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦA AD HOC**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**Il-Ħamis, 31 ta' Lulju, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-7pm.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa b'talba qasira.

2. **Notifika mis-Segretarju Eżekuttiv bit-terminu tal-impjieg tagħha mal-Kunsill Lokali**

   Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ittra fejn tgħid bit-talba tagħha li għamlet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tiġi trasferita mill-Kunsill Lokali t'Għajnsielem. Qabel il-Kunsill ikkunsidra din it-talba, is-Sindku qal li ried jgħid u jiċċara xi affarijiet fuq dan is-suġġett. Hu qal li s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-avviż tas-sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv fuq il-Gazzetta tal-Gvern fejn hu ma kienx infuramat li ser joħroġ dan l-avviż. Staqsa wkoll għaliex il-laqgħa Ad Hoc saret ġurnata biss qabel joħroġ l-avviż fuq il-gazzetta tal-Gvern, jiġifieri nhar l-1 t' Awwissu fejn fil-fatt dan kien diġà ntbagħat lill-gazzetta qabel saret din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li din hija proċedura normali ta' meta jibda l-proċess tas-sejħa, u għalhekk bilfors ried isir hekk. Id-Direttur tal-DLG ordna lis-SE biex toħroġ is-sejħa tas-SE ġdid malli saret it-talba għal-trasferimet mill-Kunsill Lokali t'Għajnsielem. Il-Laqgħa Ad Hoc qed tissejjaħ biex jiġi diskuss il-proċess tal-għażla, skont l-aġenda ta' din il-laqgħa. Wara diskussjoni l-Kunsill approva l-ittra bit-talba tas-SE.

### 3. Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal lill-preżenti bl-*email* mibgħuta fit-28 ta' Lulju 2014 mill-Assistent Direttur tad-DLG, li kien qed jistaqsi lis-Sindku jekk jaċċettax li s-Sja Lucienne Haber bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv f'dan il-Kunsill. L-Assitent Direttur talab ukoll l-approvazzjoni tas-Sja Haber għal din il-kariga, fejn din aċċettat. Is-Sindku qal li hu ikkomunika dak il-ħin stess ma' l-Ass. Direttur fejn qallu li hu ma kien jaf b'xejn b'dan kollu u din kienet sorpriża għalih. L-Ass. Direttur qallu li din hi l-proċedura ta' meta jitlaq SE u li hu bħala Sindku kellu kull dritt li jaċċetta din il-kariga ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsilliera u jekk ma jaċċettax, il-Ministru għandu kull dritt li jibgħat lill-Lucienne Haber bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv f' Għajnsielem fuq proposta tad-Dipartiment. Is-Sindku ma qabilx li għandu jieħu din id-deċiżjoni mingħajr ma jinforma lill-Kunsill u bagħat l-email lid-Direttur fuq din il-kwistjoni pero sal-lum m'irċieva l-ebda risposta mingħandu. Is-Sindku qal li hu kien jaf lill-Lucienne Haber bħala SE tal-Kunsill Lokali San Lawrenz mil-bidunett li twaqqfu l-Kunsilli Lokali u hi effiċjenti ħafna, fejn ħadmet biex iġġib il-fondi mill-Unjoni Ewropea għar-raħal ta' San Lawrenz. Peter Caruana staqsi x' kien il-każ li din irreżenjat minn Segretarju Eżekuttiv ta' San Lawrenz u qal li kien ser jiċċekkja fuqha. Wara diskussjoni l-Kunsill approva li Lucienne Haber tiġi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv f' Għajnsieelm fejn s-Sindku għandu jinforma b' dan lill-Ass. Direttur.

### 4. Bidu tal-proċess tal-għażla għal Segretarju Eżekuttiv ġdid

Is-SE avżat lil preżenti li l-avviż tal-post vakanti se jidher fuq il-gazzetta tal-Gvern nhar l-1 t'Awwissu u s-sejħa ddum miftuħa sas-17 ta' Awwissu. Is-Se tat rendikont fil-qosor ta' x'jinvolvi dan il-proċess sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid. Wara diskussjoni bejn il-preżenti, il-Kunsill iddeċieda li l-Bord tal-Għażla jkun b'*chairman* is-Sindku, u bħal membri tal-bord ikunu Ian Paul Bajada u Dolindo Cassar.

5. **Programm finali ta' Għajnsielem Fest**

Għal dan il-punt attendew ir-rappreżentanti tal-għaqdiet tar-raħal.

Ġie deċiż li l-preżentaturi jkunu Joe u Veronica (d-Dulli). Il-programm ikun kompost minn talent fir-raħal u jispiċċa bil-*band* li rebħet fil-Eurovision ta' Malta, il-Firelight, li hu magħmul minn 6 persuni u se jagħtu *performance live* għal prezz ta' €900.

L-Għaqdiet tar-raħal talbu l-permess tal-Kunsill biex jiġi organizzat BBQ waqt din is-serata. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

**Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-9.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv